# "VANITAS VANITATUM"

*Ta'* PAWLU CACHIA

Fil-mewġa li tqalleb il-ġrajja,
    Jiżdiedu tal-qerda l-ħakmiet,
Fil-milja tas-setgħa jintilfu,
    B'saffejn b'hekk isaħħu l-qawwiet.

Id-dinja moħfi̥a b'għamxietha:
    Kull kruha fil-ħena mistur,
B'ħaddieħor jinqeda kull bniedem
    Fil-mixja qabbieża għall-futur.

Ġa siequ fil-ħondoq ix-xwejjaħ,
    Kemmxulu wardietu s-snin qsar,
Bil-ħatar izzappap għar-raqda
    U jridha bħal wieħed miż-żgħar.

Iż-żgħażagħ jimirħu f'ġejjieni
    Imxarrab b'ta' l-għasel il-ward,
Bit-togħma tal-faraġ l-imħabba:
    Id-duwa fid-diqa, fil-mard.

F'ħin wieħed, iż-żmien wisq nebbiexi
    Mar-riħ 'l hemm ikerraħ l-għaxqiet;
Il-balzmu jinbidel f'ħall qares
    Bix-xalar ta' l-għatx ix-xewqiet;

U mħal'at kulħadd f'merħla waħda,
    Fl-imsaġar imħaddra b'fehmiet
Li jisqu mal-gomma tal-għira
    It-thewdin tas-sakra l-ħlewwiet.

Il-mara mal-mera tiddandan;
    Miżbugħ il-wiċċ, mkaħħla l-għajnejn
Fil-ħmura tiżżelleġ ix-xoffa,
    Bil-fwieħa jiddellku l-idejn.

U b'tektik l-arloġġ iħuf magħha,
Jiddewwed ġisimha bid-dud,
Jixpakka ħaddejha miż-żina,
Suritha f'għuwied it-tebut.

Kif jibqgħu jitgerrbu għan-niżla
Tal-ġenn, ħmerijiet u bluhat,
Mal-Ħakem (*) għad fl-aħħar jixehru:
"Għalina dawk kienu frugħat!"

* Is-Sultan Salamun, li fuq is-sodda tal-mewt stqarr, "Frugħat tal-frugħat u kollox frugħa."